MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
CLAIRE-LOUISE STAFRACE**

Seduta tas-7 ta' Jannar, 2014

Numru. 32/2014

**Il-Pulizija
[Spettur Darren Buahagiar]**

**vs**

**Nima Rabazi**

**Il-Qorti,**
Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Nima Rabazi detentur tal-karta tal-passaport Iranjan bin-numru R26346229;

Akkuzat talli:
1) Talli fis-6 ta’ Jannar 2014 u fil-jiem ta’ qabel f’dawn il-gżejjer u fi bnadi ohra ffalsifika, biddel jew għamel xi tibdil f’dokument Israjelit jew kellu fil-pussess tieghu dokument Israjelit li hu kien jaf li ġie ffalsifikat, imbiddel jew sar xi tibdil fih, u cioe kellu fil-pussess tieghu

passaport Israjelit bin-numru 18053455 (Kap. 61, Art. 5 tal-Liġijiet ta' Malta);

2) Kif ukoll nakkużah talli matul l-istess żmien, lok u ċirkostanzi għamel falsifikazzjoni oħra jew xjentement għamel użu minn xi dokument iehor iffalsifikat fid-dokument fuq imsemmi (Kap. 9, Art. 189 tal-Liġijiet ta' Malta)

3) Kif ukoll nakkużah talli matul l-istess żmien, lok u ċirkostanzi iffalsifika xi dokumenti jew kopji vera ta' dokumenti jew reġistrazzjonijiet magħmula skond l-Att dwar l-Immigrazzjoni (Kap. 217, Art. 32(1d) tal-Liġijiet ta' Malta)

Rat id-dokumenti ipprezentati; inkluz il-Kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza odjerna tigi trattata bi procedura sommarja; u

Rat l-artikoli indikati; u cioe` l-Artikolu 5 tal-Kap. 61 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikolu 189 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 32(1d) tal-Kap. 217 tal-Ligijiet ta' Malta; u

Wara li semghet l-ammissjoni tal-istess imputat u l-konferma ta' tali ammissjoni wara li nghata iz-zmien opportun sabiex tikun jista' jirregola ruhu, issib lill-imputat Nima Rabazi hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih u tikkundannah ghal seba' (7) xhur prigunerija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------